## Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Fl-Atti tas-Subbasta Nru 60/16 JPG

**APS Bank Ltd**

***vs***

**C&M Contractors Ltd et**

# Nota Addizzjonali tal-Perit Tekniku

**M'louise Caruana Galea**
**A&CE, B.E&A (Hons), MSc Conservation (Tech.)**

**30 ta' Ottubru 2018**

ILLUM....31/10/2018....
DEHER IL-PERIT LEGALI/TEKNIKU....M'louise Caruana Galea....
ID....466774M....LI HALEF LI QEDA FEDELMENT
U ONESTAMENT L-INKARIGU MOGHTI LILU

DEPUTAT REGISTRATUR

Tesponi bir-rispett:

- Illi taht paragrafu '***Deskrizzjoni u valutazzjoni tal-fondi***' (fol 4), ghandu jizdied dan:

    - **Fond: Garaxx f'H'Attard fil-livell tas-semi basement minghajr isem u numru sottostanti proprjeta' ta' terzi numru 185 fi Triq Santa Katerina, gja Triq il-Fuklar**

      *Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

      Il-fond jmiss mill-Grigal ma' Triq Santa Katerina, u mill-kumplament tad-direzzjonijiet tal-boxxla bi proprjeta' tal-Awtorita' tad-Djar.

    - **Fond: Plot f'Tal-Handaq li jiffurmaw parti mill-artijiet maghrufa 'Tal-Harruba' accessibbli minn triq privata minghajr isem li tizbokka fi Triq tal-Handaq u liema plots huma indikati bin-numri disgha (9) sa tmintax (18) biz-zewg numri inkluzi.**

      *Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

      Il-fond jmiss mil-Lvant mit-triq privata deskritta u mit-Tramuntana mill-proprjeta' 'GSS Construction Limited'.

    - **Fond: Zewg imhazen minghajr isem u minghajr numru li jinsabu fi *cul-de-sac* minn Triq Giovanni Papaffy f'Ta Paris, Birkirkara. Inkluz mal-imsemmija art hemm il-passagg privat.**

      *Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

      Il-fond jmiss mill-Majjistral mal-proprjeta' tal-familja Duffy, u mix-Xlokk mal-plot numru 6, u mil-Lbic mal-plot numru 8 tal-imsemmija art.

    - **Fond: L-utile dominium temporanju ghall-perjodu rimanenti ta' mija u hamsin sena li beda fil-15 ta' Awwissu elf tmien mija u tmienja u disghin (15.8.1898) tal-proprjeta'**

**li tikkonsisti f'villa maghrufa bhala Villa Tal-Virtu jew 'Il-Palazz' bil-gonna mdawrin maghha, fil-lokalita' tar-Rabat.**

*Tip ta' Proprjeta' u Deskrizzjoni:*

Il-fond jmiss min-Nofsinhar u mill-Punent mat-Triq Tal-Virtu, mit-Tramuntana minn passagg li jappartjeni lil Archipescopal Mensa, u mil-Lvant mal-proprjeta' li tappartjeni lil Mensa.

- Illi fol. 6 li tiddiskrivi l-fond **'Zewg imhazen minghajr isem u minghajr numru li jinsabu fi *cul-de-sac* minn Triq Giovanni Papaffy f'Ta Paris, Birkirkara. Inkluz mal-imsemmija art hemm il-passagg privat'** kull fejn hemm imsemmi Triq Giovanni Pappaffy dan ghandu jigi sostitwit bi Triq Bernard Bland.

- Illi f'fol 6, para (5) taht 'Valur tal-Proprjeta' dan il-paragrafu ghandu jinbidel kollu bis-segwenti:

Il-valur tal-garaxxijiet A u B hekk kif immarkat fil-pjanta tar-Registru ta' l-Artijiet annessa kif ukoll is-sehem ta' 1/7$^{th}$ tal-passagg privat immarkat bhala 'C', **ghandu valur ta' hamsa u sebghin elf Ewro (€75,000).**

**Perit Marielouise Caruana Galea**

**Perit Tekniku**